IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.5.2013
COM(2013) 303 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

# DWAR L-APPLIKAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI TAD-DIRETTIVA 2000/30/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAS-6 TA' ĠUNJU 2000 DWAR L-ISPEZZJONI TEKNIKA TAL-ĠENB TAT-TRIQ BIEX JIĠI STABBILIT JEKK IL-VETTURI KUMMERĊJALI LI JIĊĊIRKULAW FIL-KOMUNITÀ HUMIEX TAJBA GĦAT-TRIQ

**Il-Perjodu tar-Rappurtaġġ 2009-2010**

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**DWAR L-APPLIKAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI TAD-DIRETTIVA 2000/30/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAS-6 TA' ĠUNJU 2000 DWAR L-ISPEZZJONI TEKNIKA TAL-ĠENB TAT-TRIQ BIEX JIĠI STABBILIT JEKK IL-VETTURI KUMMERĊJALI LI JIĊĊIRKULAW FIL-KOMUNITÀ HUMIEX TAJBA GĦAT-TRIQ**

**Il-Perjodu tar-Rappurtaġġ 2009-2010**

## WERREJ

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW DWAR L-APPLIKAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI TAD-DIRETTIVA 2000/30/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAS-6 TA' ĠUNJU 2000 DWAR L-ISPEZZJONI TAL-ĠENB TAT-TRIQ BIEX JIĠI STABBILIT JEKK IL-VETTURI KUMMERĊJALI LI JIĊĊIRKULAW FIL-KOMUNITÀ HUMIEX TAJBA GĦAT-TRIQ ........ 2

1. INTRODUZZJONI ........ 4

2. ID-DIRETTIVA 2000/30/KE. ........ 5

3. ID-DEJTA MIBGĦUTA MILL-ISTATI MEMBRI ........ 5

4. KONTENUT TAL-ISPEZZJONI ........ 6

5. DEJTA DWAR L-ISTATISTIKA ........ 7

5.1. L-għadd globali tal-vetturi spezzjonati u l-oriġini tagħhom ........ 7

5.2. Vetturi pprojbiti ........ 8

5.3. Tipi ta’ nuqqasijiet u dejta skont l-Istat Membru ........ 10

6. TIPI TA’ PENALI ........ 10

7. IL-KONKLUŻJONIJIET ........ 10

ANNESS I: NUQQASIJIET IDENTIFIKATI KULL PUNT TA' SPEZZJONI ........ 12

ANNESS II: VETTURI SPEZZJONATI U R-RATA TAL-PROJBIZZJONI SKONT L-ISTAT MEMBRU ........ 13

# 1. INTRODUZZJONI

Il-leġiżlazzjoni Ewropea tistabbilixxi sensiela ta' miżuri biex tassigura li l-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fit-toroq Ewropej jkunu fi stat tajjeb, fl-interess tas-sikurezza stradali, tal-ħarsien tal-ambjent u tal-kompetizzjoni ġusta:

- ir-regoli tal-ammissjoni għall-okkupazzjoni li jitolbu mit-trasportaturi l-kapaċità finanzjarja neċessarja biex tkun assigurata l-manutenzjoni xierqa tal-vetturi (id-Direttiva 1072/2009[1]);

- il-kontrolli li jivverifikaw jekk vettura hijiex tajba għat-triq li jsiru f'intervalli speċifiċi mill-Istati Membri, skont il-frekwenza minima stipulata fuq livell Ewropew, għall-vetturi reġistrati fit-territorju tagħhom (id-Direttiva 2009/40/KE[2]);

- l-ispezzjonijiet tekniċi tal-ġenb tat-triq, li huma s-suġġett ta' dan ir-rapport, jassiguraw f'kull waqt li l-vetturi kummerċjali jiġu biss użati kemm-il darba issirilhom dik il-manutenzjoni meħtieġa għal livell għoli ta' affidabbiltà stradali teknika (id-Direttiva 2000/30/KE[3]).

Skont id-Direttiva 2000/30/KE, il-vetturi kummerċjali, il-karrijiet u s-semitrejlers tagħhom li jiċċirkulaw fit-territorji tal-Istati Membri għandhom ikunu soġġetti għal spezzjonijiet tekniċi tal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk humiex tajbin għat-triq sabiex tittejjeb is-sikurezza stradali u l-ambjent.

L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/30/KE jistipula li kull sentejn l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dejta miġbura, marbuta mas-sentejn ta' qabel, dwar l-għadd ta' vetturi kummerċjali spezzjonati, ikklassifikati skont is-seba' kategoriji b'konformità mad-Direttiva u skont il-pajjiż ta' reġistrazzjoni, kif ukoll il-karatteristiċi spezzjonati u n-nuqqasijiet identifikati. Id-Direttiva telenka tnax-il punti differenti (ara t-taqsima 4) li jistgħu ikunu suġġetti għal spezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq. Nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza stradali ta’ kwalunkwe wieħed mill-karatteristiċi spezzjonati tista’ twassal għall-projbizzjoni tal-vettura mit-triq. In-nuqqasijiet tal-vettura spezzjonata għandhom jissemmew fir-rapporti ta’ spezzjoni li għandhom jingħataw lix-xuffier tal-vettura kummerċjali. Id-Direttiva tistipula li l-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, abbażi tad-dejta mibgħuta mill-Istati Membri, rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva flimkien ma' sommarju tar-riżultati miksuba.

---

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (imfassal mill-ġdid), ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72-87.

[2] Id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar testijiet tal-kondizzjoni ta’ vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq (Recast), ĠU L 141, 6.6.2009, pp. 12-29.

[3] Id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq. ĠU L 203, 10.8.2000, pp. 1–8.

Dan huwa t-tielet rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/30/KE fl-Istati Membri; ikopri l-perjodu 2009-2010. Id-dejta miġbura mill-Istati Membri għal dan il-perjodu kellha tintbagħat lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2011.

Sa din id-data, kienu biss disa' Stati Membri li pprovdew informazzjoni dwar l-ispezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq. Mill-aħħar ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni bagħtet diversi tfakkiriet sabiex tikseb l-għadd massimu ta' dejta dwar l-istatistika u biex tkun tista' tippreżenta stampa sħiħa tal-qasam tal-ispezzjonijiet tal-ġenb tat-triq fl-Unjoni kollha. Sa l-aħħar tal-2012, is-27 Stat Membru kollha kienu bagħtu l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/30/KE.

## 2. ID-DIRETTIVA 2000/30/KE

Id-Direttiva 2000/30/KE, kif emendata[4], tistipula ċerti kundizzjonijiet għat-twettiq tal-ispezzjonijiet tekniċi tal-ġenb tat-triq ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fl-Unjoni.

Spezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq timplika eżaminazzjoni għall-għarrieda fuq vettura kummerċjali li tiċċirkula fit-territorju ta' Stat Membru. L-ispezzjoni mill-awtoritajiet, jew permezz ta' entità oħra li taġixxi taħt is-superviżjoni tagħhom, ġeneralment issir fuq awtostradi pubbliċi.

Kull spezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq għandha ssir mingħajr diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità tas-sewwieq jew tal-pajjiż ta' reġistrazzjoni jew tad-dħul fis-servizz tal-vettura kummerċjali u b'qies għall-ħtieġa li jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż u d-dewmien ikkawżati lis-sewwieqa u lill-kumpaniji.

Għandha tiġi adottata strateġija speċifika għall-għażla tal-vetturi kummerċjali suġġetti għall-ispezzjonijiet tekniċi tal-ġenb tat-triq, billi tingħata importanza partikolari lill-identifikazzjoni ta' vetturi li għandhom l-akbar tendenza li jkunu neqsin mill-manutenzjoni meħtieġa.

Jekk l-istat ta' vettura kummerċjali jista' jkun ta' riskju għas-sikurezza, tant li jiġġustifika spezzjoni ulterjuri, il-vettura kummerċjali tista' ssir suġġetta għal spezzjoni aktar dettaljata f'ċentru ta' kontroll fil-viċinanza. L-użu ta' vettura kummerċjali li għandha nuqqasijiet perikolużi li jistgħu jkunu ta' riskju serju għas-sikurezza stradali jista' jiġi sospiż sakemm dawn in-nuqqasijiet jissewwew.

## 3. ID-DEJTA MIBGĦUTA MILL-ISTATI MEMBRI

Sabiex tiffaċilita l-komunikazzjoni tal-informazzjoni kif ippreżentat fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/30/KE, il-Kummissjoni, flimkien mal-esperti tal-Istati Membri, żviluppat formola standardizzata għar-rappurtaġġ. Il-biċċa l-kbira tar-rapporti mill-Istati Membri mxew fuq il-formola rrakkomandata, anki meta ssottomettew tabelli stampati. L-użu ta' din il-formola standardizzata għar-rappurtaġġ jiffaċilita ħafna l-ġbir tad-dejta; madankollu, l-użu tagħha mhuwiex obbligatorju.

L-Istati Membri kollha kkomunikaw id-dejta għall-perjodu 2009-2010. Id-dejta, però, ma ġietx ikkomunikata fil-ħin. Sena wara li għaddiet l-iskadenza tal-31 ta' Marzu 2011, ħames Stati Membri (Ċipru, Franza, il-Portugall, l-Isvezja u Spanja) naqsu milli jipprovdu dejta dwar l-għadd ta' vetturi spezzjonati klassifikati skont il-kategorija, il-

[4] Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/26/KE tat-3 ta' April 2003 li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva 2000/30 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limitaturi tal-veloċità u l-emissjonijiet tal-exhaust ta' vetturi kummerċjali; ĠU L 90, 8.4.2003 pp. 37-40.

pajjiż ta' reġistrazzjoni kif ukoll dejta dwar il-karatteristiċi spezzjonati u n-nuqqasijiet identifikati. Wara li tnedew il-proċeduri ta' qabel il-ksur, dawn il-ħames Stati Membri finalment ikkomunikaw id-dejta meħtieġa.

It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali tal-użu tal-formola standardizzata rrakkomandata mill-Istati Membri.

Tabella 1: Ħarsa ġenerali tal-komunikazzjoni tad-dejta

| | |
|---|---|
| L-Istati Membri li użaw il-formola standardizzata. | L-Awstrija, il-Belġju[1], Ċipru[6,7], id-Danimarka[1], l-Estonja[1], il-Finlandja[5], il-Greċja, l-Ungerija[1], l-Irlanda[1,2], il-Litwanja[5], il-Lussemburgu[1], Malta[1,6], il-Pajjiżi l-Baxxi[1], il-Portugall[1], ir-Rumanija[1], is-Slovakkja[1], l-Isvezja[1], ir-Renju Unit[1]. |
| L-Istati Membri li ma użawx il-formola standardizzata. | Il-Bulgarija [1,4], ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja [6,7], l-Italja[4,6,7], Spanja[1,2,3], Franza [1,2,3,4], il-Latvja[4,5,6], il-Polonja [5,6], is-Slovenja [3,4,5,6]. |

1: L-ebda dejta dwar il-pajjiżi tal-oriġini barra l-UE.
2: L-ebda dejta dwar il-kategoriji kollha tal-vetturi.
3: L-ebda dejta dwar il-punti ta' spezzjoni.
4: Id-dejta sottomessa separatament għall-2009 u l-2010.
5: L-ebda dejta għall-punti ta' spezzjoni għall-kategoriji kollha tal-vetturi.
6: L-ebda dejta għall-punti ta' spezzjoni dwar vetturi rreġistrati barra l-Istat Membru.
7: L-ebda dejta dwar il-kategoriji tal-vetturi għall-vetturi rreġistrati barra l-Istat Membru.

Wieħed jista' josserva li dawk l-Istati Membri li jużaw il-formola standardizzata tal-ġbir tal-informazzjoni rrappurtaw lill-Kummissjoni sett aktar komplut ta' dejta.

## 4. KONTENUT TAL-ISPEZZJONI

L-elementi li x'aktarx jiġu spezzjonati u inklużi fid-dejta mibgħuta mill-Istati Membri huma għall-anqas dawk stipulati fil-punt 10 tal-mudell tar-rapport stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva:

– is-sistema tal-brejkijiet u l-komponenti tagħha;

– is-sistema tal-exhaust;

– id-densità tad-duħħan (diżil);

– l-emissjonijiet ta' gassijiet (petrol, gass naturali jew gass likwifikat miż-żejt (LPG);

– il-konnessjonijiet tal-istering;

– il-fanali, is-sistema tad-dawl u tas-sinjali;

– ir-roti/it-tajers;

– is-sospensjoni (difetti li jidhru);

– ix-xażi (difetti li jidhru);

– it-takografu (l-installazzjoni);

– l-apparat li jillimita l-veloċità (l-installazzjoni);

– l-evidenza ta’ tixrid ta’ fjuwil u/jew żejt.

## 5. DEJTA DWAR L-ISTATISTIKA

Sabiex tinkiseb l-informazzjoni komparabbli dwar il-vetturi spezzjonatii mill-Istati Membri, kien meħtieġ li ssir kategorizzazzjoni tan-numri għall-ferroviji tat-triq u vetturi artikulati fi trakkijiet u karrijiet kif ukoll trakkijiet u semitrejlers rispettivament. Iċ-ċifri li jirriżultaw minn din il-kategorizzazzjoni qegħdin f’tip korsiv tul ir-rapport kollu.

### 5.1. L-għadd globali tal-vetturi spezzjonati u l-oriġini tagħhom

L-għadd totali tal-vetturi spezzjonati jammonta għal **8,869,882** vettura għall-perjodu bejn l-2009 u l-2010. F’dan il-perjodu l-għadd ta’ vetturi kummerċjali fl-UE jammonta għal **72,264,857**[5] vettura. Il-proporzjon tal-vetturi spezzjonati rrappurtati għall-perjodu bejn l-2009 ul-2010 meta mqabbel mal-flotta globali huwa ta' **11.9%** li jikkorrispondi għal **5.9%** ta’ spezzjonijiet tal-ġenb tat-triq fuq vetturi kummerċjali fis-sena.

L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/30/KE jistipula l-ispirtu mhux diskriminatorju tal-ispezzjonijiet li għandhom jitwettqu. Diversi Stati Membri, speċjalment il-Belġju u l-Lussemburgu rrappurtaw ishma akbar ta’ vetturi barranin li ġew soġġetti għal spezzjoni tal-ġenb tat-triq filwaqt li Stati Membri oħrajn bi traffiku fi tranżitu sinifikanti rrappurtaw sehem ta’ distribuzzjoni aktar bilanċjat ta’ spezzjonijiet fost vetturi ta' persuni residenti u ta' dawk mhux residenti. Filwaqt li dan jista’ jkun minħabba fatturi oħrajn mhux relatati man-natura tal-ispezzjoni, is-sejbiet għall-Belġju u l-Lussemburgu kienu simili fir-rapport preċedenti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva.[6] Trid tiġi kkunsidrata wkoll il-qagħda ġeografika ta’ ċerti Stati Membri, bħal Ċipru jew Malta.

Tabella 2: l-oriġini tal-vetturi spezzjonati

| **Stat Membru li jirrapporta** | **Irreġistrati fl-Istat Membru** | **Irregistrati fi Stati Membri oħra tal-UE** | **Irreġistrati barra l-UE** | **It-Total** | **% ta' vetturi Istat Membr** |
|---|---|---|---|---|---|
| L-Awstrija | 14,199 | 13,874 | 3,452 | 31,525 | **45.** |
| Il-Belġju | 6,173 | 12,608 | mhux applikabbli | 18,781 | **32.** |
| Il-Bulgarija | *685,349* | *96,056* | mhux applikabbli | *781,405* | **87.** |
| Ċipru | *1,148* | mhux applikabbli | mhux applikabbli | *1,148* | **mhux applik** |
| Ir-Repubblika Ċeka | *44,067* | *24,164* | *553* | *68,784* | **64.** |

[5] Ktejjeb tal-Istatistika dwar iċ-ċifri tat-trasport fl-UE għall-perjodu bejn l-2009 u l-2012, Eurostat. Għall-kategoriji: N1, N2, N3, N4, M2, M3, O3 u O4.

[6] COM(2007) 270 finali

| Stat Membru li jirrapporta | Irreġistrati fl-Istat Membru | Irreġistrati fi Stati Membri oħra tal-UE | Irreġistrati barra l-UE | It-Total | % ta' vetturi Istat Membr |
|---|---|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | *1,364* | *131* | mhux applikabbli | *1495* | **91.2** |
| L-Estonja | *2,867* | *155* | mhux applikabbli | *3,022* | **94.8** |
| Il-Finlandja | *17,192* | *2,331* | *8,230* | *27,753* | **61.9** |
| Franza | 970,433 | 885,713 | mhux applikabbli | 1,856,146 | **52.2** |
| Il-Ġermanja | *2,168,588* | *958,115* | *165,234* | *3,291,937* | **65.8** |
| Il-Greċja | *22,799* | *4,011* | 2,559 | *29,369* | **77.6** |
| L-Ungerija | 456,338 | 91,115 | mhux applikabbli | 547,453 | **83.3** |
| L-Irlanda | 6,102 | 159 | mhux applikabbli | 6,261 | **97.4** |
| L-Italja | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | *35,654* | **mhux applik** |
| Il-Latvja | 4,840 | 2,671 | 141 | 7,652 | **63.2** |
| Il-Litwanja | *28,877* | *1,692* | *28,622* | *59,191* | **48.7** |
| Il-Lussemburgu | 182 | 982 | mhux applikabbli | 1,164 | **15.6** |
| Malta | *5,502* | *78* | mhux applikabbli | *5,580* | **98.6** |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | *3,725* | *1,697* | mhux applikabbli | *5,422* | **68.7** |
| Il-Polonja | *mhux applikabbli* | mhux applikabbli | mhux applikabbli | *1,658,996* | **mhux applik** |
| Il-Portugall | *802* | 68 | mhux applikabbli | *870* | **92.1** |
| Ir-Rumanija | *24,684* | *463* | mhux applikabbli | *25,147* | **98.1** |
| Is-Slovakkja | *16,402* | *4,436* | mhux applikabbli | *20,838* | **78.7** |
| Is-Slovenja | *4,218* | *1,350* | *1,345* | *6,913* | **61.0** |
| Spanja | 3,808 | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 3,808 | **mhux applik** |
| L-Isvezja | *37,164* | *10,756* | mhux applikabbli | *47,920* | **77.5** |
| Ir-Renju Unit | *154,677* | *170,971* | mhux applikabbli | *325,648* | **47.5** |
| **It-Total** | **4,681,500** | **2,283,596** | **210,136** | **8,869,882** | **52.7** |

## 5.2. Vetturi pprojbiti

Vetturi b'nuqqasijiet perikolużi li jippreżentaw riskju serju għal min ikun fihom jew għall-utenti l-oħra tat-triq jistgħu jiġu pprojbiti milli jkomplu jintużaw sakemm dawk in-nuqqasijiet jissewwew.

Skont l-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri, il-proporzjon tal-vetturi pprojbiti mqabbel mal-vetturi kollha spezzjonati jvarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għall-ieħor, b'ċifra għolja ta' **58.5 %** fir-**Renju Unit** sa **0.3 %** biss fil-**Bulgarija**.

Tabella 3: il-proporzjon tal-vetturi pprojbiti mqabbel mal-vetturi kollha spezzjonati

| **Stat Membru li jirrapporta** | **Vetturi rreġistrati fl-Istat Membru li għamel ir-rapport** | | | **Vetturi rreġistrati fl-UE (inkluż l-SM li għamel ir-rapport)** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Vetturi spezzjonati** | **Għadd ta' projbizzjonijiet** | **% tal-projbizzjonijiet(*)** | **Vetturi spezzjonati** | **Għadd ta' projbizzjonijiet** | **% tal-projbizzjonijiet (*)** |
| L-Awstrija | 14,199 | 5,827 | **41.0 %** | 28,073 | 12,970 | **46.2 %** |
| Il-Belġju | 6,173 | 436 | **7.1 %** | 18,781 | 1,155 | **6.1 %** |
| Il-Bulgarija | *685,349* | 1,224 | **0.2 %** | *781,405* | 2,357 | **0.3 %** |
| Ċipru* | *1,148* | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** | mhux applikabbli | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** |
| Ir-Repubblika Ċeka | *44,067* | 790 | **1.8 %** | *67,225* | 945 | **1.4 %** |
| Id-Danimarka | *1,364* | 31 | **2.3 %** | *1,495* | 31 | **2.1 %** |
| L-Estonja | *2,867* | 733 | **25.6 %** | *3,022* | 582 | **19.3 %** |
| Il-Finlandja | *17,192* | 194 | **2.0 %** | *19,523* | 207 | **1.1 %** |
| Franza | 970,433 | 39,470 | **4.1 %** | 1,856,146 | 86,797 | **4.7 %** |
| Il-Ġermanja | *2,168,588* | 14,510 | **0.7 %** | *3,126,703* | 32,027 | **1.0 %** |
| Il-Greċja | *22,799* | 2,957 | **13.0 %** | *26,810* | 3,059 | **11.4 %** |
| L-Ungerija* | 456,338 | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** | 547453 | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** |
| L-Irlanda* | 6,102 | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** | 6,261 | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** |
| L-Italja | 19,717 | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** | 24,059 | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** |
| Il-Latvja* | 4,840 | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** | 7,511 | 602 | **8.0 %** |
| Il-Litwanja | *28,877* | 196 | **0.7 %** | *30,605* | 219 | **0.7 %** |
| Il-Lussemburgu* | 182 | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** | 1,164 | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** |
| Malta | *5,502* | 2,578 | **46.9 %** | *5,580* | 2,877 | **51.6 %** |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | *3,725* | 66 | **1.8 %** | *5,422* | 173 | **3.2 %** |
| Il-Polonja | *1,658,996* | 8,506 | **0.5 %** | mhux applikabbli | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** |
| Il-Portugall | *802* | 16 | **2.0 %** | mhux applikabbli | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** |
| Ir-Rumanija | *24,684* | 9,675 | **39.2 %** | *25,147* | 11,604 | **46.1 %** |
| Is-Slovakkja* | *16,407* | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** | *20,838* | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** |
| Is-Slovenja | *4,218* | 101 | **2.4 %** | *5,618* | 131 | **2.3 %** |
| Spanja | 3,808 | 641 | **16.83 %** | mhux applikabbli | mhux applikabbli | **mhux applikabbli** |
| L-Isvezja | *37,164* | 2,285 | **6.1 %** | *47,920* | 9,103 | **19.0 %** |

| Stat Membru li jirrapporta | Vetturi rreġistrati fl-Istat Membru li għamel ir-rapport | | | Vetturi rreġistrati fl-UE (inkluż l-SM li għam ir-rapport) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Vetturi spezzjonati | Għadd ta' projbizzjonijiet | % tal-projbizzjonijiet(*) | Vetturi spezzjonati | Għadd ta' projbizzjonijiet | % tal-projbizzjonij (*) |
| Ir-Renju Unit | *154,677* | 47,362 | **30.6 %** | *325,648* | 190,585 | **58.5 %** |
| **It-Total** | **6,360,218** | **137,598** | **2.2 %** | **6,982,409** | **355,424** | **5.1 %** |

*Dawn l-Istati Membri rrappurtaw għadd ta' fallimenti minflok għadd ta' projbizzjonijiet.

Iċ-ċifri jagħtu x'jifhem li l-ispezzjonijiet tekniċi tal-ġenb tat-triq fuq vetturi mhux miżmuma sew itejbu l-effikaċja operattiva u jnaqqsu l-piż amministrattiv. L-Istati Membri li jadottaw dan l-approċċ jidher li għandhom rata ogħla ta' identifikazzjoni ta' vetturi difettużi b'inqas spezzjonijiet minn Stati Membri oħra b'għadd ogħla ta' spezzjonijiet. Dan huwa l-każ għar-**Renju Unit**, l-**Awstrija** u **Malta**, li għandhom l-ogħla rata ta' projbizzjoni, filwaqt li l-**Bulgarija**, il-**Litwanja** u l-**Ġermanja** għandhom l-inqas rati għall-projbizzjoni tal-vetturi rreġistrati fl-Unjoni kollha.

## 5.3. Tipi ta' nuqqasijiet u dejta skont l-Istat Membru

L-aktar nuqqasijiet frekwenti identifikati matul l-ispezzjonijiet jikkonċernaw il-funzjonalità tas-**sistemi tal-brejkijiet**, kemm hi tajba għat-triq il-kundizzjoni tat-tajers u s-sistema tad-dawl (li juru rati ta' nuqqasijiet ta' **19.8 %, 15.9 %** u **42.5%** rispettivament). Dawn iċ-ċifri jenfasizzaw l-importanza ta' spezzjonijiet tal-ġenb tat-triq b'rabta mas-sikurezza stradali. Meta wieħed iqabbel id-dejta mal-perjodu ta' rappurtaġġ preċedenti, wieħed jara li dawn huma l-istess oqsma problematiċi kif irrapportat qabel. (Anness I)

Fir-rigward tal-emissjonijiet u t-tnixxijiet, li barra milli huma periklu għas-sikurezza stradali jista' jkollhom ukoll impatt fuq l-ambjent, kien hemm tnaqqis ta' 1.5 % fil-proporzjon tat-tixrid ta' fjuwil u/jew żejt (4.1 % minn 5.6 %) mill-perjodu ta' rappurtaġġ preċedenti. In-**nuqqasijiet fl-emissjonijiet** kemm għall-vetturi kummerċjali li jieħdu d-diżil kif ukoll għal dawk li jieħdu l-petrol naqsu iżda mhux b'mod sinifikanti.

Anki fejn jidħlu elementi differenti tat-test – pereżempju bħas-sistema tal-brejkijiet – ġew irrappurtati differenzi kbar fir-rati ta' nuqqasijiet, li jvarjaw minn **2.1 %** fil-**Portugall għal 48.3 %** fir-**Renju Unit**. Dan jista' jkun minħabba l-metodi differenti fit-testijiet użati mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni, permezz tal-proposta tagħha COM(2012)382 finali li hija parti mill-Pakkett tal-Affidabbiltà Stradali, introduċiet inizjattiva li timmira għal armonizzazzjoni ogħla tal-metodi tal-ittestjar applikati matul l-ispezzjonijiet tekniċi.

Id-dejta ppreżentata mill-Istati Membri dwar l-għadd ta' spezzjonijiet li jsiru fuq il-vetturi rreġistrati f'pajjiżi li mhumiex fl-UE għadha mhijiex biżżejjed biex twassal għal konklużjonijiet dwar l-affidabbiltà stradali tagħhom.

L-Anness II jipprovdi ħarsa ġenerali tal-għadd ta' vetturi spezzjonati mill-Istati Membri skont il-pajjiż ta' reġistrazzjoni u l-proporzjon ta' projbizzjonijiet maħruġa.

# 6. TIPI TA' PENALI

Id-Direttiva ma tipprovdix sistema ta' penali għal xi infrazzjonijiet li jkunu ġew osservati. Il-penali huma stabbiliti mill-Istati Membri mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità tas-sewwieq jew tal-pajjiż tar-reġistrazzjoni jew tad-dħul fis-servizz tal-vettura kummerċjali.

Jekk ikun ovvju li l-vettura kummerċjali tkun ta' riskju serju għall-okkupanti tagħha jew għall-utenti l-oħra tat-triq, l-awtorità jew l-ispettur li jwettaq l-ispezzjoni teknika għandu l-awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 2000/30/KE li jipprojbixxi l-użu tal-vettura sakemm in-nuqqasijiet perikolużi identifikati jissewwew.

Kull nuqqas serju li jinstab f'xi vettura kummerċjali ta' xi ħadd li ma jkunx residenti, partikularment dawk in-nuqqasijiet li jwasslu għall-projbizzjoni tal-użu tagħha, għandu jiġi rrappurtat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkunu identifikaw in-nuqqas serju jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih il-vettura hi reġistrata biex jieħdu l-miżuri xierqa bħal pereżempju jitolbu li ssir spezzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk il-vettura hijiex tajba għat-triq. Madankollu, ma jeżisti l-ebda raportaġġ għal każijiet bħal dawn.

## 7. IL-KONKLUŻJONIJIET

L-għadd totali annwali ta' vetturi spezzjonati jirrappreżenta **5.9 %** tal-flotta tal-vetturi kummerċjali għall-UE kollha kemm hi.

Kien hemm titjib fl-għadd tal-Istati Membri li kkomunikaw dejta dwar l-istatistika kif ukoll dwar dettalji inklużi f'dik id-dejta mill-perjodu ta' rappurtaġġ preċedenti. Madankollu, il-komunikazzjoni tad-dejta ma saritx fil-ħin u l-Kummissjoni kellha tniedi proċeduri ta' qabel il-ksur kontra xi Stati Membri.

Id-Direttiva tistipula mudell għar-rapport individwali tal-ispezzjoni tal-ġenb tat-triq. Billi d-Direttiva ma tistipulax format għat-trażmissjoni tad-dejta dwar l-istatistika, l-Istati Membri ma jużawx l-istess metodu biex jibagħtu din l-informazzjoni, u dan jagħmel diffiċli l-konsolidazzjoni tar-riżultati.

Għal din ir-raġuni l-Kummissjoni ħolqot format elettroniku standardizzat għall-użu tal-Istati Membri. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha użawh, u dan għamilha diffiċli għall-Kummissjoni li tasal għal konklużjonijiet affidabbli fuq kwistjonijiet bħall-post tar-reġistrazzjoni ta' vetturi spezzjonati, it-tip ta' projbizzjonijiet maħruġa, kif ukoll ir-rappurtaġġ tar-rati tan-nuqqasijiet tal-vetturi kummerċjali.

Id-dejta kkomunikata donnha tindika li xi wħud mill-Istati Membri jidhru li jiffokaw l-ispezzjonijiet tal-ġenb tat-triq fuq vetturi rreġistrati barra mit-territorju tagħhom meta mqabbla ma' Stati Membri oħrajn bi traffiku fi tranżitu komparabbli. Iċ-ċifri rrapportati juru li l-effiċjenza tal-ispezzjonijiet tekniċi tal-ġenb tat-triq jistgħu jiżdiedu permezz ta' spezzjonijiet immirati. Il-piż amministrattiv kemm għall-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll għall-operaturi tat-trasport jista' għaldaqstant jitnaqqas.

Fir-rigward ta' kemm il-vetturi li jiċċirkulaw fit-territorji tal-Unjoni huma tajbin għat-triq, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħtu attenzjoni partikolari lill-kategoriji ta' nuqqasijiet li jkomplu jkunu l-aktar problematiċi, jiġifieri s-sistemi tal-brejkijiet, it-tajers u s-sistemi tad-dawl.

# ANNESS I: NUQQASIJIET IDENTIFIKATI KULL PUNT TA' SPEZZJONI

| Member State | braking system and compon | | exhaust system | | smoke opacity | | gaseous emissions | | steering linkages | | lamps, lighting and signalli | | wheels/tyres | | suspension | | chassis | | tachograph | | speed limiting device | | evidence of fuel and/or oi | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AT | 6,144 | 22.6 % | 1,053 | 3.9 % | 27 | 0.1 % | 4 | 0.0 % | 1,578 | 5.8 % | 4,374 | 16.1 % | 3,878 | 14.3 % | 2,869 | 10.6 % | 4,423 | 16.3 % | 450 | 1.7 % | 38 | 0.1 % | 2,304 | 8.5 % | **27,142** |
| BE | 823 | 15.4 % | | N.A. | | N.A. | | N.A. | 90 | 1.7 % | 2,115 | 39.7 % | 846 | 15.9 % | | N.A. | 1,183 | 22.2 % | 253 | 4.7 % | | N.A. | 23 | 0.4 % | **5,333** |
| BG | 391 | 28.4 % | 0 | 0.0 % | 28 | 2.0 % | 87 | 6.3 % | 0 | 0.0 % | 79 | 5.7 % | 332 | 24.1 % | 152 | 11.0 % | 63 | 4.6 % | 12 | 0.9 % | 73 | 5.3 % | 162 | 11.7 % | **1,379** |
| CY | 126 | 11.0 % | 71 | 6.2 % | 33 | 2.9 % | 6 | 0.5 % | 46 | 4.0 % | 237 | 20.6 % | 220 | 19.1 % | 87 | 7.6 % | 155 | 13.5 % | 66 | 5.7 % | 43 | 3.7 % | 59 | 5.1 % | **1,149** |
| CZ | 1,496 | 8.1 % | 1,071 | 5.8 % | 0 | 0.0 % | 1 | 0.0 % | 326 | 1.8 % | 6,494 | 35.2 % | 3,147 | 17.1 % | 440 | 2.4 % | 4,396 | 23.8 % | 277 | 1.5 % | 3 | 0.0 % | 803 | 4.4 % | **18,454** |
| DE | 27,178 | 18.2 % | 6,335 | 4.2 % | 732 | 0.5 % | 218 | 0.1 % | 4,803 | 3.2 % | 49,689 | 33.3 % | 29,306 | 19.7 % | 5,171 | 3.5 % | 11,210 | 7.5 % | 6,381 | 4.3 % | 1,752 | 1.2 % | 6,331 | 4.2 % | **149,106** |
| DK | 207 | 40.1 % | 17 | 3.3 % | | N.A. | | N.A. | 23 | 4.5 % | 186 | 36.0 % | 19 | 3.7 % | 14 | 2.7 % | 43 | 8.3 % | 5 | 1.0 % | | N.A. | 2 | 0.4 % | **516** |
| EE | 81 | 5.0 % | 28 | 1.7 % | 2 | 0.1 % | 0 | 0.0 % | 28 | 1.7 % | 357 | 22.1 % | 401 | 24.8 % | 113 | 7.0 % | 166 | 10.3 % | 220 | 13.6 % | 57 | 3.5 % | 165 | 10.2 % | **1,618** |
| EL | 270 | 5.5 % | 25 | 0.5 % | 8 | 0.2 % | 4 | 0.1 % | 54 | 1.1 % | 816 | 16.8 % | 2,181 | 44.8 % | 121 | 2.5 % | 179 | 3.7 % | 976 | 20.1 % | 154 | 3.2 % | 78 | 1.6 % | **4,866** |
| ES | 127 | 15.7 % | 7 | 0.9 % | 8 | 1.0 % | 0 | 0.0 % | 25 | 3.1 % | 303 | 37.4 % | 140 | 17.3 % | 25 | 3.1 % | 88 | 10.9 % | 56 | 6.9 % | 18 | 2.2 % | 13 | 1.6 % | **810** |
| FI | 2,572 | 33.8 % | 44 | 0.6 % | 7 | 0.1 % | 1 | 0.0 % | 237 | 3.1 % | 2,774 | 36.4 % | 569 | 7.5 % | 225 | 3.0 % | 911 | 12.0 % | 154 | 2.0 % | 24 | 0.3 % | 97 | 1.3 % | **7,615** |
| FR | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | |
| HU | 5,074 | 21.2 % | | N.A. | | N.A. | 2,118 | 8.9 % | 636 | 2.7 % | 8,562 | 35.8 % | 4,828 | 20.2 % | | N.A. | 1,316 | 5.5 % | | N.A. | 876 | 3.7 % | 496 | 2.1 % | **23,906** |
| IE | 669 | 23.8 % | 84 | 3.0 % | 3 | 0.1 % | 13 | 0.5 % | 247 | 8.8 % | 393 | 14.0 % | 520 | 18.5 % | 288 | 10.2 % | 181 | 6.4 % | 113 | 4.0 % | 180 | 6.4 % | 123 | 4.4 % | **2,814** |
| IT | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | |
| LT | 672 | 6.6 % | 137 | 1.3 % | 21 | 0.2 % | 8 | 0.1 % | 96 | 0.9 % | 4,626 | 45.2 % | 1,786 | 17.5 % | 66 | 0.6 % | 35 | 0.3 % | 475 | 4.6 % | 40 | 0.4 % | 2,262 | 22.1 % | **10,224** |
| LU | 147 | 20.0 % | 31 | 4.2 % | 2 | 0.3 % | | N.A. | 28 | 3.8 % | 172 | 23.4 % | 135 | 18.4 % | 103 | 14.0 % | 68 | 9.3 % | 3 | 0.4 % | | N.A. | 46 | 6.3 % | **735** |
| LV | 278 | 27.0 % | 42 | 4.1 % | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % | 38 | 3.7 % | 228 | 22.1 % | 66 | 6.4 % | 79 | 7.7 % | 212 | 20.6 % | 10 | 1.0 % | 1 | 0.1 % | 76 | 7.4 % | **1,030** |
| MT | 357 | 6.1 % | 113 | 1.9 % | 203 | 3.5 % | 0 | 0.0 % | 876 | 15.0 % | 2,558 | 43.8 % | 1,128 | 19.3 % | 43 | 0.7 % | 112 | 1.9 % | 51 | 0.9 % | 2 | 0.0 % | 402 | 6.9 % | **5,845** |
| NL | 391 | 24.1 % | 51 | 3.1 % | 13 | 0.8 % | 2 | 0.1 % | 62 | 3.8 % | 387 | 23.9 % | 151 | 9.3 % | 185 | 11.4 % | 231 | 14.3 % | 87 | 5.4 % | 25 | 1.5 % | 35 | 2.2 % | **1,620** |
| PL | 8,122 | 4.4 % | 1,264 | 0.7 % | 758 | 0.4 % | 49 | 0.0 % | 2,070 | 1.1 % | 144,966 | 79.3 % | 14,535 | 8.0 % | 1,566 | 0.9 % | 1,079 | 0.6 % | 2,067 | 1.1 % | 156 | 0.1 % | 6,159 | 3.4 % | **182,791** |
| PT | 15 | 2.1 % | 6 | 0.9 % | | N.A. | | N.A. | 11 | 1.6 % | 411 | 58.6 % | 121 | 17.3 % | 23 | 3.3 % | 59 | 8.4 % | 5 | 0.7 % | 4 | 0.6 % | 46 | 6.6 % | **701** |
| RO | 374 | 3.1 % | 26 | 0.2 % | 561 | 4.7 % | 100 | 0.8 % | 61 | 0.5 % | 6,008 | 50.0 % | 3,528 | 29.3 % | 274 | 2.3 % | 42 | 0.3 % | 568 | 4.7 % | 126 | 1.0 % | 360 | 3.0 % | **12,028** |
| SE | 3,263 | 13.8 % | 250 | 1.1 % | 2 | 0.0 % | 0 | 0.0 % | 783 | 3.3 % | 12,960 | 54.8 % | 2,881 | 12.2 % | 259 | 1.1 % | 1,260 | 5.3 % | 1,613 | 6.8 % | 47 | 0.2 % | 312 | 1.3 % | **23,630** |
| SI | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | | N.A. | |
| SK | 645 | 21.4 % | 12 | 0.4 % | 87 | 2.9 % | 0 | 0.0 % | 9 | 0.3 % | 84 | 2.8 % | 521 | 17.3 % | 1 | 0.0 % | 9 | 0.3 % | 1,426 | 47.3 % | 0 | 0.0 % | 221 | 7.3 % | **3,015** |
| UK | 62,840 | 48.3 % | 3,201 | 2.5 % | 82 | 0.1 % | 0 | 0.0 % | 5,031 | 3.9 % | 12,944 | 9.9 % | 26,835 | 20.6 % | 13,955 | 10.7 % | 198 | 0.2 % | 0 | 0.0 % | 113 | 0.1 % | 4,952 | 3.8 % | **130,151** |
| **Total** | **122,262** | **19.8 %** | **13,868** | **2.2 %** | **2,577** | **0.4 %** | **2,611** | **0.4 %** | **17,158** | **2.8 %** | **261,723** | **42.5 %** | **98,074** | **15.9 %** | **26,059** | **4.2 %** | **27,619** | **4.5 %** | **15,268** | **2.5 %** | **3,732** | **0.6 %** | **25,527** | **4.1 %** | **616,478** |
| **Total 2007-2008** | 105,135 | 21% | 14,941 | 3% | 2,350 | 0.50% | 905 | 0.20% | 16,811 | 3.40% | 147,363 | 29.80% | 99,132 | 20.10% | 21,189 | 4.30% | 33,734 | 6.80% | 20,427 | 4.10% | 4,167 | 1% | 27,591 | 5.60% | 493,745 |

ANNESS II VETTURI SPEZZJONATI U R-RATA TAL-PROJBIZZJONI SKONT L-ISTAT MEMBRU

NOTA: Iċ-ċifri rrappurtati hawn taħt ma jikkunsidrawx il-fatt li l-ferroviji tat-triq u l-vetturi artikolati tqiesu separatament.

| | Pajjiżi li jispezzjonaw (għa | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | AT | | BE | | BG | | CY |
| Pajjiżi Spezzjonati | Spezzjonijiet | % | Spezzjonijiet | % | Spezzjonijiet | % | Spezz |
| AE | 0 | 0.0 % | | mhux applikabbli | | mhux applikabbli | |
| AL | 2 | 0.0 % | | mhux applikabbli | | mhux applikabbli | |
| AT | 14,199 | 41.0 % | 101 | 1.0 % | 864 | 0.3 % | |
| AZ | 1 | 100.0 % | | mhux applikabbli | | mhux applikabbli | |
| BA | 174 | 60.9 % | | mhux applikabbli | | mhux applikabbli | |
| BE | 67 | 29.9 % | 6,173 | 7.1 % | 330 | 1.8 % | |
| BG | 761 | 50.9 % | 246 | 6.1 % | 266,621 | 0.5 % | |
| BI | 2 | 50.0 % | | mhux applikabbli | | mhux applikabbli | |
| BY | 91 | 62.6 % | | mhux applikabbli | | mhux applikabbli | |
